StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2011**

**IS-SITT SENA** **RELIĠJON** **SIEGĦA U KWART**

**Isem:** ___________________________________ **Total:** [ ]

**Klassi:** ______________

**A.** **Agħmel sinjal (√) ħdejn it-tweġiba t-tajba.**
**Ara l-eżempju.** **(10 x marka = 10 marki)**

**Eżempju:**
**0.** **Alla hu spirtu għax**

| | |
|---|---|
| **jidher biss fid-dlam.** | |
| **ma nistgħux narawh.** | √ |
| **jarawh il-qassisin.** | |

1. Il-ħolqien jurina kemm Alla

| | |
|---|---|
| hu ċkejken u ma jaf xejn. | |
| jivvinta affarijiet moderni. | |
| hu kbir u għaref. | |

2. Alla ħalaq lill-bniedem speċjali għax tah

| | |
|---|---|
| moħħ li jaħseb. | |
| ruħ li tgħix għal dejjem. | |
| qalb li taf tħobb. | |

3. Aħna nsiru wlied Alla

| | |
|---|---|
| fil-magħmudija. | |
| kif nitwieldu. | |
| fit-tqarbin. | |

4. L-Avvent hu żmien ta' tħejjija

| | |
|---|---|
| għal Kristu Re. | |
| għall-Għid il-Kbir. | |
| għall-Milied. | |

5. Il-veru xemx li jġib id-dawl u l-ħajja hu

| | |
|---|---|
| l-Milied. | |
| l-Anġlu. | |
| Ġesù. | |



www.StudentBounty.com

6. L-istorja tal-Maġi tfakkarna li

| | |
|---|---|
| għandna nagħtu xi rigal lil Ġesù. | |
| Ġesù ġie jsalva l-bnedmin kollha. | |
| l-istilel juruna x'se jiġri. | |

7. Il-festa tat-twelid tal-Knisja f'Malta niċċelebrawha

| | |
|---|---|
| fl-10 ta' Frar. | |
| fid-19 ta' Marzu. | |
| fil-31 ta' Mejju. | |

8. Ir-Randan jibda

| | |
|---|---|
| fl-Erbgħa tal-Irmied. | |
| fil-festa tad-Duluri. | |
| fil-festa ta' San Ġużepp. | |

9. Biex il-qima tagħna togħġob lil Alla trid tkun

| | |
|---|---|
| kull nhar ta' Ħadd u fil-festi. | |
| mingħajr dnubiet. | |
| mill-qalb u nagħmluha bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu. | |

10. Il-festa tal-Qaddisin kollha nagħmluha

| | |
|---|---|
| f'Ottubru. | |
| f'Novembru. | |
| f'Diċembru. | |

**B. Wieġeb b'kelma waħda.**
**Ara l-eżempju.** **(5 X marka = 5 marki)**

**0. Kemm huma l-kmandamenti?** **<u>Għaxra</u>**

1. Il-belt li fiha twieled Ġesù. ____________________

2. Taqsimiet fis-sena Liturġika hemm: ____________________

3. Kulur li jintuża fl-Avvent. ____________________

4. L-Arċisqof ta' Malta. ____________________

5. Waħda mit-talbiet lill-Madonna. ____________________



www.StudentBounty.com

**Ċ. Ikteb VERU jew FALZ ħdejn kull sentenza.**

**Ara l-eżempju. (10 X marka = 10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 0 | Is-sena tal-Knisja tinqasam f'seba' taqsimiet. | FALZ |
| 1 | L-appostli kienu tnax. | |
| 2 | L-ewwel festa fis-sena liturġika hija l-Kunċizzjoni. | |
| 3 | Fl-Avvent u fir-Randan is-saċerdot jilbes l-aħdar. | |
| 4 | Ġesù jagħti l-akbar qima lil Alla meta niċċelebraw il-quddies. | |
| 5 | L-aktar li rridu nagħtu qima hu lill-Madonna u l-Qaddisin. | |
| 6 | Meta nobdu fit-tajjeb inkunu bħal kwiekeb li jagħtu d-dawl. | |
| 7 | Il-jum ta' qima lil Alla għal-Lhud huwa l-Ġimgħa. | |
| 8 | Il-Knisja nsejħulha qaddisa għax imqaddsa mill-Ispirtu s-Santu. | |
| 9 | Il-bniedem huwa mistieden ifaħħar 'l Alla. | |
| 10 | Meta twieled Ġesù l-anġli kantaw 'Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet ....' | |

**D. Aqta' min jien. Ara l-eżempju: (10 x marka = 10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| **0.** | **Omm Alla u ommna lkoll.** | **<u>Madonna</u>** |
| 1. | Lili Alla deherli f'tempesta. | ____________________ |
| 2. | Jiena l-pont bejnek u bejn Alla. | ____________________ |
| 3. | Jien wieħed mill-profeti tat-Testment il-Qadim. | ____________________ |
| 4. | Jiena l-qariba ta' Marija. | ____________________ |
| 5. | Jien qabbilt lil Mulej max-xemx tielgħa. | ____________________ |
| 6. | Ġibt il-fidi f'Malta. | ____________________ |
| 7. | Jien kont ngħammed lin-nies fix-xmara Ġordan. | ____________________ |
| 8. | Jien il-missier putattiv ta' Ġesù. | ____________________ |
| 9. | Jien it-tielet persuna tat-Trinità Qaddisa. | ____________________ |
| 10. | Ġesù għażilni bħala l-ewwel Papa. | ____________________ |



www.StudentBounty.com

**E.** **Irranġa l-kliem wara xulxin biex tikteb sentenza fuq kif l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna ma' Ġesù.** **(5 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **jgħaqqadna** | **magħqudin** | **Ġesù** | **dielja** | **l-friegħi** |
| **huma** | **L-Ispirtu s-Santu** | **mad-** | **ma'** | **bħalma** |



**F.** **Qabbel is-sentenzi. Ara l-eżempju.** **(10 x marka = 10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **0.** | **Quddiem Alla, d-dinja** | | għax hi mmexxija minn ragħaj wieħed li hu Ġesù. |
| 1. | Il-qaddisin lilna jgħinuna biex | | għandna l-Papa u l-isqfijiet. |
| 2. | Il-kelma Avvent | | kienu erbgħa. |
| 3. | Alla ħalaqna xbieha tiegħu | | minbarra d-dnub. |
| 4. | Fir-Randan il-qassis jilbes il-kulur | | u għamilna nixbhuh. |
| 5. | Il-Knisja nsejħulha waħda | **0** | **Qisha traba fil-miżien jew qatra nida.** |
| 6. | Irċevejna l-ewwel darba | | iwasslu t-talb tagħna għand Alla. |
| 7. | L-Evanġelisti | | Alla veru minn Alla veru. |
| 8. | Ġesù hu bniedem bħalna | | tfisser miġja. |
| 9. | Alla minn Alla, dawl minn dawl, | | vjola biex ifakkarna li hu żmien ta' penitenza. |
| 10. | Illum flok l-Appostli | | l-Ispirtu s-Santu fil-magħmudija. |



www.StudentBounty.com

**Ġ. Ikteb il-kliem nieqes f'dan it-talb. (5 x marka = 5 marki)**



(a) Agħtihom o Mulej, il- ______________ ta' dejjem

u d- ______________ ta' dejjem jiddi lilhom.

Jistrieħu fil- ______________. Ammen.

**(Talba għall-Mejtin)**

(b) L-anġlu t'Alla ħabbar lil ______________

U hija saret ______________ mill-Ispirtu s-Santu.

**(L-Anġelus)**

**G. Aqra sewwa u wieġeb dawn il-mistoqsijiet: (5 marki x 2 = 10 marki)**

Kyle ta' spiss jilgħab futbol ma' sħabu tal-Mużew. Ma jafx jaċċetta telfa malajr u ħafna drabi jiġġieled meta l-logħob imur kontrih. Kyle iħobb ukoll iġemma' s-santi tal-qaddisin. Għandu kaxxa mimlija bihom, u għalkemm ftit li xejn jistudja minħabba l-futbol, imur il-Quddies filgħodu kmieni u jieħu xi żewġ santi miegħu l-iskola biex il-Madonna u l-qaddisin jgħinuh waqt l-eżamijiet. Kyle ma jġibx marki għoljin ħafna.



1. Semmi żewġ affarijiet tajbin li jagħmel Kyle.
   - ________________________________________
   - ________________________________________

2. Semmi żewġ affarijiet ħżiena li jagħmel Kyle.
   - ________________________________________
   - ________________________________________

3. Barra milli jistudja, x'jista' jagħmel aktar Kyle biex ikollu l-għajnuna tal-qaddisin waqt l-eżamijiet?

________________________________________

________________________________________

4. X'għandu jirranġa Kyle fl-imġiba tiegħu biex ikun jista' jixbah lill-qaddisin?

________________________________________

________________________________________

5. Semmi żewġ affarijiet li aħna bħala nsara nistgħu nagħmlu biex nimitaw lill-qaddisin.

________________________________________

________________________________________

**GĦ. Imla l-vojt b'dan il-kliem.**
**Ara l-eżempju. (10 x marka = 10 marki)**



www.StudentBounty.com

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **ruħ** | **talb** | **bieb** | **siġra** | **bajda** | **miġjiet** |
| | **ħajja** | **blandun** | **dinja** | **iben** | **qalb** |

**0.** **Alla tana <u>ruħ</u> biex inkunu nistgħu ngħixu għal dejjem.**

1. Fl-Avvent niftakru fi tliet _______________ ta' Ġesù.
2. Alla tana _______________ biex nistgħu naħdmuha u ngawduha.
3. L-ilma tal-magħmudija jfisser li nibdew _______________ ġdida bla dnub.
4. Fil-magħmudija nilbsu libsa _________________ li tfisser li aħna nilbsu lil Kristu.
5. Alla tana _______________ biex inkunu nistgħu nħobbu lil ta' madwarna.
6. Fil-magħmudija nixegħlu l-________________ li jfisser id-dawl ta' Kristu.
7. Fil-magħmudija kull bniedem jirxoxta bħala _____________ ġdid t'Alla.
8. Fl-Avvent lil Ġesù ngħidulu jiftħilna il- ______________ ta' moħħna u ta' qalbna.
9. Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar issir ġimgħa ta' ______________ għall-Knisja.
10. Ġesù jxebbah il-Knisja ma' żerriegħa li tkun ċkejkna ħafna iżda li tikber u ssir

    ______________ hekk kbira.

**Ħ.** **Aqra sewwa u wieġeb il-mistoqsijiet:** **(15-il marka)**



Alla bagħat l-anġlu f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi. Din ix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha, 'Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.' Marija tħawdet ħafna għal dan il-kliem u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima.

Iżda l-anġlu qalilha, 'Tibżax Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Ara, int se jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek. Dak li jitwieled minnek ikun qaddis.'

L-anġlu qalilha li Eliżabetta fi xjuħitha kien se jkollha iben. Marija baxxiet rasha u qaltlu, 'Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skont kelmtek!' U l-anġlu telaq minn quddiemha.

1. L-anġlu ________________ ħabbar lil Marija li kellha ssir omm Alla. (1 marka)
2. Marija kienet toqgħod f'belt ċkejkna li jisimha _________________. (1 marka)
3. L-għarus ta' Marija kien ___________________. (1 marka)
4. Kompli s-sentenza kif Eliżabetta sellmet lil Marija.

   ***Imbierka inti*** _______________________________________________________

   ***tal-ġuf tiegħek.*** (2 marka)
5. Minn dak li qrajna f'din is-silta, x'eżempju tagħtina l-Madonna?

   _______________________________________________________________



www.StudentBounty.com

__________________________________________ (1 marka)

6. Agħti żewġ eżempji ta' kif inti tista' tgħin lil min huwa fil-bżonn aktar minnek.

__________________________________________

__________________________________________(2 marki)

7. Lill-Madonna mhux biss nagħtuha ġieħ imma nitolbuha biex ____________________

__________________________________________. (2 marki)

8. Dawn huma dati ta' festi ddedikati lill-Madonna. Għid liema festa niċċelebraw:

a) fil-15 t'Awwissu ____________________________

b) fit-8 ta' Settembru ____________________________

c) fit-8 ta' Diċembru ____________________________ (3 marki)

9. Semmi ġrajja oħra mill-Vanġelu meta Marija kienet ta' għajnuna kbira lill-oħrajn.

__________________________________________ (1 marka)

10. Min kien it-tifel ta' Eliżabetta? ________________________ (1 marka)

**H. … kliem … sentenzi fuq wieħed minn dawn:** **(10 marki)**






| | | |
|---|---|---|
| | **JEW** | |
| **Il-ġrajja tal-Epifanija** **(Il-festa tas-slaten Maġi)** | | **Il-miġja ta' San Pawl f'Malta** |

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________

__________________________________________



www.StudentBounty.com

**TMIEM**



www.StudentBounty.com